MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2015

Talba Numru. 386/2012

**F&A Magri (P125)**

**vs**

**Joseph Mifsud**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-Socjeta' Attrici trid li l-Konvenut jigi kundannat ihallasha il-*quantum* ta' tlett elef, disgha u ghoxrin Ewro sebgha u sittin centezmi (€3,029.67c) bhala bilanc ghal "fuel" mixtri minghandha "on credit".

Bhala RISPOSTA l-Konvenut eccipixxa hekk:-

1. Preskrizzjoni ai termini tal-art 2148(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Respinsjoni tat-Talba ghax l-ammont dedott mhux dovut;
3. Ittra datata 22/8/2010 – Dok JM1 – fejn il-Konvenut ammetta li kienu dovuti €229.39 u c-cekk relativ mibghut baqa ma ssarrafx.

**Ra** li l-eccezzjoni preliminari dwar preskrizzjoni giet michuda b'decizjoni *in parte* moghtija fl-14 ta' Mejju 2013 (*fol* 25).

II PROVI

1. Hawn qed jingiebu biss siltiet mix-xhieda li izda jridu jitqiesu ma dak kollu li nghad quddiem it-Tribunal u d-dokumenti esibiti – kollox jinsab fil-process – flimkien ma dak li jitnissel mid-decizjoni *in parte*.

2. **Alfred Falzon** ta' HLB Falzon & Falzon Certified Public Accountants fl-affidavit *a fol* 19 qal li huma kienu taw servizzi ta' *accountancy* lis-Socjeta' Attrici. Fi Frar 2012 ezaminaw x'bilanc kien dovut minghand il-Konvenut Mifsud. Esibixxa *statement* Dok AF (*fol* 20) li juri bilanc dovut ta' €3,029.67c u dana wara li tqiesu l-pagamenti li kienu saru, l-ahhar wiehed fis-26/3/2010. Hu gie kontro-ezaminat fit-2/6/2015 (*fol* 52). Qal hekk:-

   *Fuq domanda diretta tat-Tribunal fejn qed jigi mistoqsi lili jekk kienx hemm apparentement xi kwistjoni fuq zball f'numri li jwasslu biex kien hemm diskrepanza bejn dak li l-attur qed jghid li ghandu jiehu u l-konvenut qed jghid li ghandu jaghti, nghid li jiena naf li qed jinghad dan imma jiena f'xogholi li ghamilt dort chit chit, ghamilt hlas hlas u ma ndhalt xejn f'din il-kwistjoni imma I went back to basics. Jien biex wasalt ghal numru ta' 3029.67 litteralment dort chit, chit nara x'ha bhala fuel etc il-konvenut rajt fejn saru pagamenti u wasalt ghal dan l-ammont li qed jigi mitlub ta' 3029.67. Jien ma qadtx fuq xoghol haddiehor imma ghamilt xogholi mill-bidu. Qatt ma kont prezenti waqt li saru pagamenti da part tal-konvenut.*

3. **Joseph Magri**, direttur tas-Socjeta' Attrici qal li ma certi klijenti (fosthom il-Konvenut) kellhom sistema li flok isir hlas meta jiehdu l-fuel, jiffirmaw fuq *invoice book* tal-kumpanija u wara jsiru hlasijiet akkont. Huma kienu jirrikorru ghand l-*accountant* ghall-precizjoni. Hawn hu spjega kif inzammu r-records li eventwalment ezamina l-*accountant* u hareg il-bilanc (ara *fol* 32/33). Kollox qieghed bi precizzjoni fid-Dok A. Aktar taghrif nghata meta gie kontro-ezaminat (ara *fol* 40 u *fol* 51)

4. **Joseph Mifsud** l-ewwel xehed limitatament dwar il-preskrizzjoni (fol 17). Imbaghad ressaq affidavit li jinsab *a fol* 43/44. Hu kkonferma kif kienet issir il-konsenja tal-fuel u kif kien isir il-hlas – dana fuq perijodu ta' 5 snin. Hu esibixxa dokumenti dwar pagamenti.

5. Hu gie kontro-ezaminat (*fol* 52/53) spjega li hu kien *subcontractor* mal-Enemalta u meta kien jircievi pagamenti minghandha kien ihallas dak dovut minnu. Ma kienx isir hlas ta' *invoice* wara l-ohra. Wiehed hawn idur fuq ix-xhieda in kontro-ezami indikata.

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. F’dan il-kaz it-TRIBUNAL kellu l-vantagg li, kif presedut, jisma kollox u josserva kollox. Sata jara li bejn il-kontendenti kien hemm speci ta’ familjarita: jiehu l-*fuel* u jhallas akkont. Minn naha tal-Konvenut il-hlas kien jiddependi minn kif, minn naha tieghu jithallas hu.

2. It-TRIBUNAL ihoss li s-Socjeta’ ta’ Accountants imqabbda mis-Socjeta’ Attrici, ghamlet bicca xoghol ta’ min joqghod fuqha, fejn kollox thalla f’id wahda. Hargu d-detallji kollha inkorporati fi *statement* professjoanli. Ghall-kuntrarju ta’ dan il-Konvenut ma pprezentax prova “shieha” li fuqha tista torbot.

3. Dan iwassal lit-TRIBUNAL ghall-konkluzzjoni li s-Socjeta’ Attrici ppruvat soddisfacentement il-kaz taghha.

IV DECIZJONI

It-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** l-eccezzjonijiet kollha tal-Konvenut (2) **jilqa** t-Talba Attrici u **jikkundanna** lill-Konvenut Joseph Mifsud biex ihallas lis-Socjeta’ Attrici l-*quantum* ta’ tlett elef, disgha u ghoxrin Ewro sebgha u sittin centezmi (€3,029.67c) liema hlas, fic-cirkostanzi, ghandu jsir fi zmien tletin jum mil-lum b’dana li f’kaz ta’ nuqqas jibda ghaddej l-imghax, mil-lum stess, sal-jum tal-pagament effettiv u (3) jikkundanna lill-Konvenut ihallas l-ispejjes tal-kawza u dawk l-ohra mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------